**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 7 ta` Lulju 2016**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 762/2016 JZM fl-ismijiet :**

**L-Avukat Cedric Mifsud ID 196979M bhala mandatarju specjali ta` Massimo Vita Passaport YA 4917986**

***kontra***

**Iannelli Ferdinando Passaport AA 3597279 proprio u bhala direttur ghan-nom ta` Luxury Charter Holdings Limited C66663**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrent noe pprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") kontra l-intimat fit-18 ta` Mejju 2016.

Mar-rikors, kienu prezentati dokumenti.

Fit-18 ta` Mejju 2016, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat, taghtu ghaxart (10) ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-2 ta` Gunju 2016 fid-9.30 a.m.

L-intimat kien notifikat fit-8 ta` Gunju 2016.

Fit-8 ta` Gunju 2016, l-intimat ipprezenta risposta bil-miktub flimkien ma` dokument.

Ir-rikors kien ittrattat fl-udjenza tad-9 ta` Gunju 2016. Fl-istess udjenza, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent noe sabiex jipprezenta opinjoni legali dwar l-istat tad-dritt Taljan, u halliet ir-rikors ghal ghoti ta` provvediment kamerali.

Fit-18 ta` Gunju 2016, ir-rikorrent noe pprezenta nota b`dokument.

Dan huwa l-provvediment tal-Qorti.

## II. It-talba

Ir-rikorrent noe talab lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` l-Mandat sabiex l-intimat proprio et nomine jinzamm milli :-

***Jbiegh, jittrasferixxi jew mod iehor jiddisponi taht kwalsiasi titolu, kif ukoll milli jissoggetta jew johloq xi piz jew drittijiet ta` kull xorta b`titolu oneruz jew gratwitu, direttament jew indirettament tramite terzi, fuq il-bastiment bl-isem "BIRBA" registrat hawn Malta nru reg 402 fl-2015 u numru ufficjali 15619, u b`mod partikolari sabiex jinzamm milli jezegwixxi jew jiffirma xi bill of sale u / jew kuntratt ta` trasferiment ta` titolu iehor a favur ta` terzi ghan-nom ta` Luxury Charter Holdings Limited fir-rigward tal-bastiment hawn fuq deskritt jew li jiehu kwalunkwe tip ta` decizjoni relatata ma` dan il-bastiment inkluz li ma jaghmel l-ebda tibdil u / jew kancellament tar-registrazzjoni tal-bastiment surreferit fir-Registru tal-Bastimenti Malti.***

## III. Ir-raguni ghat-talba

Ir-rikorrent noe jikkontendi illi fis-16 ta` Mejju 2012 huwa akkwista gewwa Napli fl-Italja dghajsa tat-tip *Squgnizzo n.35*. Dakinhar stess huwa kera din id-

dghajsa u dghajsa ohra tat-tip *Squgnizzo n.31* lis-socjeta` Cantieri Navali Partenopei srl (minn issa tkun maghrufa bhala "**Cantieri**") ghal sentejn bil-prezz ta` €200,000. Skont il-ftehim, ir-rikorrent noe seta` jbiegh id-dghajjes lil terzi tul iz-zmien tal-kirja, u fil-kaz li jigri hekk, Cantieri kellha taghtihom lura u thallas ammont ta` kera pro rata ghaz-zmien li tkun ghamlet uzu minnhom. **Skont l-istess ftehim, l-intimat proprio obbliga ruhu li jkun garanti ta` Cantieri.** Fis-26 ta` Lulju 2012, ir-rikorrent noe avza lil Cantieri biex taghti lura d-dghajjes peress li kien sab il-bejgh taghhom lil terzi. Cantieri tat lura l-*Squgnizzo n.31* izda zammet l-*Squgnizzo n.35*. Ir-rikorrent noe ghamel kawza fl-Italja kontra Cantieri fejn talab ir-ritorn tal-*Squgnizzo n.35* jew il-hlas tas-somma ta` €100,000. Fis-27 ta` Frar 2014, il-Qorti ta` Napli ordnat lil Cantieri biex taghti lura d-dghajsa tar-rikorrent noe li kien zammet ghandha ; u fin-nuqqas, Cantieri jew l-intimat de proprio bhala garanti taghha kellhom ihallsu €100,000 bl-imghax u bl-ispejjez. Il-provvediment tal-qorti ma setax jigi esegwit billi id-dghajsa ma nstabitx. In segwitu saret kawza ohra ghall-hlas ta` €100,000 kontra l-intimat. Ir-rikorrent noe mexxa bil-procediment tal-lum kontra l-intimat pro et noe fuq propjeta` tieghu u tas-socjeta` intimata li taghha huwa l-uniku azzjonista abbazi tal-**Art 35 tal-EU Regulation 1215/2012** *on Jurisdiction and the Recognition and Enforcement of Judgements in Civil and Commercial Matters* li jghid :- "*Application may be made to the courts of a Member State for such provisional, including protective, measures as may be available under the law of that Member State, even if the courts of another Member State have jurisdiction as to the substance of the matter*".

## IV. Il-posizzjoni tal-intimat

L-intimat jirreferi ghall-Art 633-656 tal-Kodici ta` Procedura Civili Taljan. Ighid illi r-rikorrenti ipprezenta *ricorso per decreto ingiuntivo* fil-qorti ta` Napli li pero` ma giex dekretat lanqas provizorjament u kwindi huwa ma kienx notifikat bir-*ricorso*. Billi, skont l-intimat, *la notificazione determina la pendenza della lite* allura l-intimat jikkontendi li ma jezistux proceduri pendenti kontra tieghu fl-Italja. Ghalhekk ir-rikorrent noe ma jistax jadixxi din il-Qorti abbazi tal-Art 35 tal-EU Reg 1215/2012 billi sabiex persuna tipprocedi skont din id-dsiposizzjoni, irid ikun hemm kawza pendenti quddiem il-qorti tal-Istat Membru li ghandha gurisdizzjoni biex tisma` l-mertu tal-kawza. Ighid li mhumiex sodisfatti r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat.

## V. L-opinjoni tal-avukati Taljani tal-partijiet

Kull parti pprezentat l-opinjoni bil-miktub tal-avukati rispettivi taghhom dwar l-istat tad-dritt Taljan : Avv. Giuseppe De Santo ghall-intimat u Avv. Stefano Parziale ghar-rikorrent noe.

Skont Avv. De Santo, ir-rikorrent ipprezenta *un ricorso per decreto ingiuntivo* li huwa regolat bl-Art 633-656 tal-*Code di Procedura Civile.* It-talba trid tkun ghall-*payment of a precise amount of money or the delivery of substitute goods or the delivery of determined goods.* Mal-talba jridu jigi prezentati dokumenti. Il-kaz jigi assenjat lil Gudikant. Jekk isib li huma sodisfatti d-dettami tal-ligi, il-Gudikant jaghti d-digriet ; jekk le, jichad it-talba. Jekk jilqa`, l-intimat ikun notifikat fi zmien sittin jum. Ighid Av. De Santo *the case will be pending only after the service of the petition and the injunction of the defendants.* Fil-kaz tal-lum jidher li l-Gudikant ma hareg l-ebda digriet u kwindi ghad ma hemmx notifika tal-intimat. Propju ghalhekk ma hemmx kawza pendenti. Li hemm biss huwa *a petition to a judge who has not decided if to grant the requested injunction or not.*

Skont Avv. Parziale, *the injunction procedure starts with the deposit of the injunction and is decided by the judge with a motivated decree (acceptance or rejection).* Ikompli li *the lawsuit introduced with the injunmction request must be considered pending following the notification of the decree to the debtor, but the effects are retroactive to the time the application is filed.*

## VI. <u>Dritt</u>

Id-disposizzjoni li tirregola dan il-procediment hija l-**<u>Art 873 tal-Kap 12</u>**. L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tnejn. Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

Minn analizi tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, wiehed isib illi l-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat, **<u>sakemm</u>** ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
ii) Illi jidher sal-livell ta` *prima facie* li l-parti rikorrenti ghandha dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi bil-fatt illi ma jkunx ordnat il-hrug tal-Mandat, il-pregudizzju li garrab il-parti rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## VII. <u>Gurisprudenza</u>

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghna dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi **mhux** alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ ta` l-Mandat.

3) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

4) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

## VIII. Il-jedd prima facie tar-rikorrent noe

Din il-Qorti m`ghandhiex il-kompetenza li tippronunzja ruhha dwar kif il-procediment inizjat mill-mandant tar-rikorrent quddiem il-qrati Taljani huwa meqjus u trattat fil-kwadru tal-Kodici ta` Procedura Civili Taljan.

Pero` din il-Qorti hija kompetenti biex tghid jekk ir-rikorrent noe jistax imexxi bil-procediment tal-lum bis-sahha tal-Art 35 tal-EU Reg 1215/2012 li hija ligi fis-sehh fil-pajjizi kollha membri tal-UE.

Il-kriterji sostantivi biex jiskatta l-Art 35 huma :-

i) *An application to the courts of a Member State* ;
ii) *For provisional, including protective, measures as may be available under the law of that Member State* ;
iii) *Even if the courts of another Member State have jurisdiction as to the substance of the matter.*

Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti illi t-tliet kriterji jissussistu :-

i) Il-procedura tal-lum kienet inizjata *with an application to the courts of a Member State.*

ii) Il-procediment tal-lum jikkwalifika bhala *a provisional* u/jew *protective measure* li huwa disponibbli taht il-ligi taghna ;

iii) Il-Qrati Taljani ghandhom gurisdizzjoni biex iqisu l-mertu tal-istanza tar-rikorrent noe.

Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi r-rikorrent noe seta` jipprevalixxi ruhu mill-Art 35 tal-EU Reg 1215/2012 ghall-fini ta` dan il-procediment.

**Dan premess, fil-fehma ta` din il-Qorti, fejn l-istanza tar-rikorrent noe ma tissodisfax il-kriterju tal-jedd *prima facie* huwa fil-mod kif ir-rikorrent noe indirizza l-istanza tieghu.**

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta li r-relazzjoni guridika li ghandu r-rikorrent noe hija mal-intimat de proprio mhux mas-socjeta` Luxury Charter Holdings Limited. Infatti l-garanti ta` Cantieri ma kien hadd hlief l-intimat de proprio.

Bit-talba tieghu kif dedotta r-rikorrent qieghed jittenta jolqot mhux beni appartenenti lill-intimat de proprio izda bastiment bl-isem "BIRBA" li huwa propjeta` u huwa registrat fl-isem ta` s-socjeta` Luxury Charter Holdings Limited.

**Ghall-fini tal-istanza tal-lum, huwa ghal kollox irrilevanti li s-socjeta` ntimata ghandha bhala unika direttur u azzjonista lill-intimat. Jibqa` l-fatt illi s-socjeta` Luxury Charter Holdings Limited m`ghandha l-ebda relazzjoni guridika tar-rikorrent noe.**

**Ladarba hekk huwa l-kaz, ir-rikorrent noe m`ghandu l-ebda jedd *prima facie* jaghmel it-talba kif dedotta u cioe` sabiex jolqot** Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi r-rikorrent noe ghandu tassew dan il-jedd *prima facie.* **beni li ma jappartjenux lill-intimat de proprio izda lis-socjeta` Luxury Charter Holdings Limited.**

## IX. Konsiderazzjoni finali

**Ladarba ma jirrizultax il-jedd *prima facie,* huwa ghal kollox inutili ghal din il-Qorti li tistharreg is-sussistenza tar-rekwiziti l-ohra, ghaliex billi r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi, u diga` rekwizit minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat.**

## Provvediment

**Għar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt illi qeghda tirrevoka *contrario imperio* d-digriet li tat fit-18 ta` Mejju 2016 safejn laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, qeghda tichad it-talba tar-rikorrent noe kif dedotta fir-rikors tieghu tat-18 ta` Mejju 2016. Tordna lir-rikorrent noe sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**